


# Kif nies anzjani u nies b'diżabilità jevitaw il-periklu tan-nar

L-anzjani u nies b'diżabilità huma f'riskju aktar għoli li jkorru jew li ma jsalvawx f'nar li jaqbad fid-dar tagħhom. Ġeneralment dan iseħħ meta diżabilità jew mard jaffettwa l-kapaċità individwali. Qies is-sitwazzjoni tiegħek. Nuqqas ta' smigħ jew ta' vista jfisser li ddum aktar biex tirrealizza li hemm nar? In-nuqqas ta' mobilità jaffettwa kif inti taħrab nar bla periklu mid-dar tiegħek? L-informazzjoni f'dan il-fuljett flimkien mal-ktejjeb dwar kif tevita l-periklu tan-nar fid-dar hija mfassla biex tgħinek tnaqqas ir-riskju tiegħek tan-nar.

## Twissija Kmieni

Imwiet kaġun tan-nar li jinvolvi l-anzjani u nies b'diżabilità jseħħu aktar ta' spiss fi djar fejn ma jkunx hemm allarmi ta' kontra d-duħħan (smoke alarms) li jaħdmu jew li jkunu f'inħawi mhux adattati tad-dar. Twissija kmieni hija vitali għal kulħadd. Għal nies li għandhom diżabilità hija kruċjali.

- **Aktar minn allarm wieħed ta' kontra d-duħħan**
  Aktar minn allarm ta' kontra d-duħħan iżid it-twissija kmieni għalik ta' nar. Aħseb fik u fid-dar tiegħek. Tagħlaq bibien għal partijiet tad-dar? F'liema parti tad-dar jinsab l-allarm ta' kontra d-duħħan? Jekk tpejjep, għandek allarm ta' kontra d-duħħan f'kull kamra fejn tpejjep? Tkun affettwat/a kultant mill-medikazzjoni jew l-alkoħol? Allarm ta' kontra d-duħħan li jkun fit-tarf l-ieħor tad-dar iqajjmek jew iwissik?

- **Allarmi ta' kontra d-duħħan ikkonnettjati flimkien**
  L-allarmi ta' kontra d-duħħan jistgħu jkunu ikkonnettjati flimkien bla wajer jew sempliċement bil-wajer fis-saqaf. Dan ifisser li jekk allarm ta' kontra d-duħħan ikun jaħdem f'waħda mill-kmamar tad-dar tiegħek, l-allarmi kollha ta' kontra d-duħħan ikkonnettjati fid-dar tiegħek ikunu attivati.

- **Allarmi ta' kontra d-duħħan għal dawk Torox u b'nuqqas ta' smigħ**
  Allarmi ta' kontra d-duħħan għal dawk Torox u b'nuqqas ta' smigħ jaħdmu flimkien ma' strobe light u pad tas-sodda li jivvibra. Tista' tkun eliġibbli għal sussidju b'fondi mill-gvern. Jekk inti tikri permezz tal-Uffiċċju tad-Djar (Office of Housing ) għandek tikkuntattja l-uffiċċju tad-djar lokali tiegħek għal aktar informazzjoni.

- **Allarmi ta' kontra d-duħħan ikkonnettjati ma' allarmi personali**
  Allarm ta' kontra d-duħħan li jkun ikkonnettjat ma' allarmi personali tfisser li jekk l-allarm ta' kontra d-duħħan ikun attivat, l-aġenzija li tagħmel monitoraġġ tal-allarm personali ser tirċievi twissija. Bħalissa dawn m'humiex disponibbli permezz tal-programm tal-allarm personali ssussidjat mill-gvern.

- **Ittestjar**
  Huwa vitali li l-allarm tiegħek ta' kontra d-duħħan ikun ittestjat kull xahar. Itlob lil xi ħadd tal-familja, ħabib/a jew ġar/a biex juruk kif tagħmel dan jew itlob l-għajnuna tagħhom biex jagħmlu dan għalik.

## Kif taġixxi waqt nar

MFB tirrakomanda li nies b'nuqqas ta' kapaċità, joħorġu minflok li jippruvaw jitfu nar. Pjan ta' kif taħrab mid-dar jiżgura li tkun tista' taħrab mingħajr periklu f'kull emerġenza f'kull ħin tal-ġurnata jew tal-lejl. Ipprattika l-pjan ma' kerer tal-familja, ħabib/a jew ġar/a biex ikunu jistgħu jgħinuk tidentifika kull titjib li tista' tagħmel. Kun żgur/a li:

- Tippostja l-kamra tas-sodda tiegħek ħdejn post tal-ħruġ,
- Iżżomm il-kamra tas-sodda tiegħek ħielsa mill-imbarazz b'aċċess tajjeb madwar is-sodda tiegħek u l-passaġġ għall-bieb,
- Tpoġġi tagħmir li jgħinek fil-mobilità tiegħek fejn jintlaħqu faċilment fil-kamra tas-sodda matul il-lejl,

- Ara li tħalli l-bibien kollha ta' ġewwa miftuħa matul il-lejl għal evakwazzjoni faċli,
- Jekk ikollok allarm personali ilbisha fis-sodda,
- Meta tkun id-dar poġġi ċ-ċwievet fil-bibien li jkunu msakkra bis-serraturi jew bl-iskrins ta' sigurtà u qatt issakkar il-bibien bis-serraturi meta tkun id-dar,
- Titbaxxa kemm jista' jkun biex ma jaħkmekx id-duħħan meta tkun ħiereġ/ħierġa minn darek,
- Toħroġ barra u tibqa' barra,
- Iċċempel Żero għal Tliet Darbiet (000) jew titlob lil ġar/a biex iċempel/ iċċempel għalik.

Jekk ma tkunx tista' toħroġ mid-dar tiegħek mingħajr għajnuna għandek:

- Ikollok telefon maġenb is-sodda tiegħek u tipproggrammah minn qabel b'Żero għal Tliet Darbiet (000) ,
- tiddalja Żero għal Tliet Darbiet (000), tistenna lill-operator u tgħid FIRE (NAR), tistenna biex tkun ikkonnettjat/a u tgħarrafhom li għandek nar u għandek bżonn ta' għajnuna biex toħorġ,
- Tibqa' fuq it-telefon biex tkun tista' tgħidilhom fejn isibuk,
- Titbaxxa kemm jista' jkun u żżomm 'il bogħod mid-duħħan u s-sħana,
- Jekk tkun tista', tagħlaq il-bieb għall-kamra fejn tkun u tpoġġi xugamani, għata tas-sodda u/jew ħwejjeġ taħt il-bieb biex tnaqqas id-dħul ġewwa tad-duħħan.

## Pariri oħra

- Kun żgur/a li n-numru tad-dar tiegħek ikun jidher ċar mit-triq biex is-servizzi ta' emerġenza jkunu jistgħu jsibu d-dar tiegħek faċilment,
- Jekk issib diffikultà biex titħarrek minn post għall-ieħor madwar id-dar tiegħek fil-ħajja ta' kuljum, jista' jaffettwa kemm tkun tista' toħroġ malajr minn darek mingħajr periklu f'emerġenza. Ara li tingħata assessjament tal-Fiżjoterapija u/jew Terapija Okkupazzjonali għal parir u tagħrif kif timmassimizza l-indipendenza u s-sigurtà tiegħek,
- Jekk qed issib diffikultà tagħmel xogħol bħal tisjir mingħajr periklu, ara jekk għandekx tavviċina lill-kunsill lokali tiegħek jew lil provveditur privat għall-għajnuna u/jew ikel li jitwassal id-dar,
- Jekk toqgħod tiġbor ħafna imbarazz bla bżonn dan iżid b'mod sinifikanti r-riskju li jkollok nar u li ma tkunx tista' taħrab, żomm il-passaġġi għall-kmamar u l-kurituri ħielsa minn affarijiet li jakkumulaw,
- Jekk tuża ossiġnu medikali dejjem segwi l-pariri ta' sigurtà pprovduti mill-provveditur tiegħek. Jekk ma tagħmilx hekk jiżdied iċ-ċans ta' nar u żjieda fil-qawwa tiegħu.

Għal aktar informazzjoni dwar:

- Terapija Okkupazzjonali/Servizzi ta' Fiżjoterapija/ allarami personali b'fondi pubbliċi, ikkuntattja liċ-ċentru lokali tiegħek tas-saħħa fil-komunità
- Sussiddju ta' Allarmi ta' kontra d-duħħan għal dawk Torox u dawk b'nuqqas ta' smigħ Vicdeaf 9473 1111 TTY 9473 1199 info@vicdeaf.com.au
- Għajnuna fil-ħajja ta' kuljum
Yooralla Independent Living Centre 9666 4500
yooralla@yooralla.com.au
- Servizzi u tagħmir għal nies li huma għomja jew b'vista baxxa,
Ikkuntattja Vision Australia 1300 84 74 66,
info@visionaustralia.org.au
- Għejxien bid-dimenzja
Alzheimer's Australia Vic 9815 7800 alz@alzvic.asn.au
- Għal preżentazzjonijiet għal gruppi tal-anzjani dwar kif jevitaw il-periklu tan-nar, allarmi ta' kontra d-duħħan jew imbarazz żejjed u riskju tan-nar ikkuntattja l-MFB Community Resilience – 03 9665 4464 – commres@mfb.vic.gov.au

**Metropolitan Fire Brigade (MFB) www.mfb.vic.gov.au**

© Metropolitan Fire & Emergency Services Board – P449L V1 – May 2012